**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 589/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Georgia Gauci**

**Illum 25 ta' Settembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Georgia Gauci, bint George Debattista u Helen nee` Ellul, imwielda tal-Pieta` nhar it-2 ta' Gunju 1960, u resident 81, Triq il-Kbira Has-Sajjied, Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identita` numru 500060M.

Akkużata talli:

> F'Ħal-Safi u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar is-6 ta' Mejju 2017, għall-ħabta tan-nofs siegħa ta' wara nofsinhar (12.30 p.m.)
>
> 1. Ħebbet għal Dolores Zarb (ID:6052M) u kkaġunatilha offiża ta' natura gravi hekk kif iċċertifika Dr Patrick Galea (Med. Reg. 3481);

2. Bl-imġieba tagħha ikkaġunat lil Dolores Zarb (ID: 6052M) biża' li ser tintuża' vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` tagħha;

Rat it-talba sabiex toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412(C) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li jidhrilha xierqa;

Rat ukoll it-talba sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta` ta' Dolores Zarb u l-familja tiegħu ai termini tal-Artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; u

Semgħet l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputata għall-imputazzjonijiet kif dedotti kontriha.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tagħha u tatha żmien xieraq biex jekk trid, tista' terga' lura minnha u fil-fatt hija reġgħet tenniet l-istess ammissjoni tagħha.

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat
Illi mill-provi miġjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tagħha. Illi dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi partikolari marbuta mas-saħħa ta' l-imputata u tqis li m'għandiex tagħti piena ta' ħabs effettiva.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet u wara li l-Qorti rat l-Artikoli 218 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u in vista ta' l-ammissjoni ta' l-imputata Georgia Gauci, qed issib lill-istess Georgia Gauci ħatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħha u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 qegħda tilliberha lill-imputata Georgia Gauci bil-kundizzjoni li ma tagħmel l-ebda reat ieħor sa żmien tlett (3) snin mil-lum.**

**Inoltre l-Qorti qegħda timponi Ordni ta' Trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-persuna protetta hija dik ta' Dolores Zarb, liema ordni għandha tibqa' effettiva sa żmien tlett (3) snin mil-lum.**

**Il-Qprti spjegat lill-ħatja Georgia Gauci il-portata ta' din is-sentenza ai termini ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Finalment, tordna illi kopja skenjata ta' l-atti u ai termini ta' l-Artikolu 392(A) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tiġi trasmessa lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Reġistratur**